# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 9 ta' 2023, miżmuma nhar it-18 ta' Lulju 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u ħamsa u għoxrin minuta ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

- Anne Marie M Fenech Adami Naxxar LC — Viċi President
- Paul Vella — Mġarr LC — Membru
- John Buttigieg — Mellieħa LC — Membru
- Stephen Gatt — Balzan LC — Membru Delegat
- Stefan Cordina — Attard LC — Membru

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

- Clifford Galea Vella — President
- Trevor Fenech — San Ġwann LC — Membru
- Alfred Grima — San Pawl il-Baħar LC — Membru
- Chris Grech — Mosta LC — Membru
- Kyle Mifsud — Mtarfa LC — Membru

**AĠENDA**

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.1 Komunikazzjoni tal-President;
4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
5.1 Kumunikazjoni –
6.1 Rapporti;
- 6.1.1 Quarterly Management Accounts
- 6.1.2 Rapport tal-Bord ta' Għazla

7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;
- 7.1.1 Community Police proposal
- 7.1.2 Siġar tal-Milied artistiċi
- 7.1.3 Waste Management Update
- 7.1.4 Environment Update
- 7.1.5 Malta Biennale 2024
- 7.1.6 Bring In Sites issues
- 7.1.7 Torri tal-Kaptan proposal

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:25 mill-Viċi President, is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta d-dokument fejn wera li l-laqgħa numru 8 li kellha tinżamm fil-11 ta' Lulju ma nżammitx minħabba nuqqas ta' kworum.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Is-sinjuri Alfred Grima, Kyle Mifsud, Chris Grech u Clifford Galea kienu skużati.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 7 miżmuma fit-13 ta' Ġunju 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li jkunu approvati. Paul Vella issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 3.1 Komunikazzjoni mil-President

Is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami, bħala Viċi President, ippreżentat ittra tas-Sur Stefan Cordina, fuq attivita` miżmuma ġewwa Ħ'Attard. Stefan Cordina intalab jispjega l-materja lill-membri. Is-Sur Cordina qal li l-President, is-Sur Clifford Galea Vella, kien wiegħed għajnuna finanzjarja lill-organizzatur tal-attivita` *Infewwaħ bil-ward iffjurit.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Galea Vella biex jitkellmu fuq din l-attivita`, iżda dan qatt ma sar. ~~Is-Sur Cordina qal li kellu rekording fejn jinstema l-President iwiegħed għajnuna finanzjarja.~~ Huwa qal li ma kienet saret l-ebda talba uffiċjali lir-Reġjun u l-Kunsill ta' Ħ'Attard kien hemm biex din l-attivita` tittella'. Ippreżenta wkoll ċertifikat li ngħata lill-parteċipanti ffirmat mill-President, kif ukoll bl-emblema tar-Reġjun. Saret diskussjoni mill-membri li qablu li minħabba ċ-ċirkostanzi li hemm preżenti, il-fatt li l-President kien ikkommetta għajnuna, u l-fatt li r-Reġjun kien preżenti fuq iċ-ċertifikat, ir-Reġjun jgħin din-l-attivita`. Paul Vella propona kontribut ta' elf u ħames mitt Ewro bħala għajnuna taħt il-baġit tal-marketing. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Stefan Cordina astjena mid-diskussjoni u mill-vot minħabba konflitt ta' nteress. Il-membri qablu unanimament mal-proposta.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Is-Sur Paul Vella ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa ta' Ġunju, saret diskussjoni fuq EU Regions and Cities Week li għandha tinżamm f'Ottubru, fejn tbidlet deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti ta' Mejju. Huwa qal li deċiżjoni m'għandhiex tinbidel qabel 6 xhur; hu ma kienx qed jaqbel mat-tibdil li sar. Huwa qal li d-deċiżjoni tal-membri, li r-Reġjun jibgħat membru minn kull Kunsill, jew il-membru tar-Reġjun, jew inkella d-delegat magħżul mis-Sindku, ma għandhiex tinbidel, u għandha tkun miżmuma. Saret diskussjoni mill-membri u Paul Vella ippropona li l-ewwel deċiżjoni li tghid: *"5.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra rigward EURegion and Cities week li tinżamm f'Otturbu 2023. Il-membri ddiskutew il-parteċipazzjoni tar-Reġjun u l-Kunsilli Lokali. Paul Vella ippropona li r-Reġjun jibgħat membri tar-Reġjun jew sostitut fin-nuqqas li membru ma jkunx jista jattendi. Angelo Micallef issekonda l-mozzjoni u żied li l-persuna li tattendi għandha tkun nominata mis-Sindku. Il-Membri qablu unanimament."* għandha tinżamm. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 5.1 Komunikazzjoni

5.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra mibgħuta mid-DLG fuq "Live Streaming". Ir-Reġjun intalab jimplimenta il-live streaming u kien mitlub jagħmel kuntatt mal-IMU tal-Ministeru fuq dan. Huwa qal ukoll, li żmien ilu, id-Direttur tad-Dipartiment kien qal lir-Reġjuni li kien ser ikun hemm proġett pilota biex ikun installat il-live streaming fir-Reġjuni, iżda dan qatt ma sar. Qal ukoll li dwar dan ma kien hemm ebda komunikazzjoni bil-miktub. Din il-pożizzjoni kienet ippreżentata lid-Dipartiment mis-SE, u s-Sna Jeanette Galea, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru (issa Lvant) ikkonfermat dan. Ir-Reġjuni issa ntalbu jimplimentaw il-Live Streaming. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem mal-IMU biex jimplimenta din it-talba.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 6.1 Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li titwaqqaf il-laqgħa sabiex ikun preżentat ir-rapport tremestru tal-Management Accounts. Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li titwaqqaf il-laqgħa. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Il-laqħa twaqfet.

Wara li nfetħet il-laqgħa, Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li l-Management Accounts t' April sa' Ġunju ikunu approvati. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

6.1.1 – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-impjieg ta' żewġ skrivani. Ir-Rapport kien jirrakkomanda li l-applikanti ma kienux laħqu l-passmark u allura kellu jitkompla l-proċess tal-għażla billi tinħareġ sejħa pubblika. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li dan ikun approvat. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament, u s-Segretarju Eżekuttiv intalab ikompli l-proċess biex ikunu impjegati żewġ skrivani.

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;**

**Community Police -** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Ispettur Gatt kienet indisposta u ma attendietx il-laqgħa. Huwa ppreżenta talba tal-community police biex jinxtara speed gun għall-użu tal-pulizija fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Saret diskussjoni u l-membri osservaw li l-Pulizija kellhom vit ta' finanzi biex jinvestu fl-apparat meħtieġ. Stefan Cordina staqsa fejn dan kien ser jintuża u s-SE qal li l-Ispettur kienet qaltlu li dan ikun qed jintuża fil-lokalitajiet tar-Reġjun. Il-membri qalu li ma jaqblux li r-Reġjun ikun qed joħroġ finanzi hekk u qablu li jerġgħu jitkellmu s-suġġett mal-Ispettur u jekk ikun ġustifikat, jirrevedu d-deċiżjoni.

Siġar tal-Milied artistiċi. Is-SE ippreżenta proposta fejn ir-Reġjun joħroġ sejħa pubblika għax-xiri ta' siġar tal-Milied lil kull Kunsill, fejn din is-siġra tkun waħda artistika u tkun iddisinnjata biex tirrifletti n-natura tal-lokalita`. Dawn is-siġar isiru propjeta tal-Kunsill. Stephen Gatt ippropona li din l-inizjattiva artistika tkun attwata. John Buttigieg u Paul Vella issekondaw il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jaħdem fuq dan.

**7.2 Waste Collection –** Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Aderemi Baderinwa biex jaġġorna lill-membri fuq il-ġbir tal-iskart. Is-Sur Baderinwa ppreżenta lill-membri rapport dwar il-ġbir li sar f'dawn l-aħħar sitt xhur ikkumparat mas-sentejn ta' qabel. Huwa spjega li kien hemm żieda fir-riċiklaġġ, iżda kien fadal ħafna xogħol. Spjega wkoll il-bżonn ta' ħafna aktar infurzar. Semma' ukoll li l-Wasteserv kienet qed iżżomm 40 Ewro kull tunellata fuq il-borża s-sewda u din ser tibqa' tiżdied kull sena. Il-membri ddiskutew ir-rapport, kif ukoll l-andament tal-proċess tal-ġbir. John Buttigieg talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jara li termini tat-tender fejn jidħlu DVR, uniformijiet, sigurta, ikunu implimentati u jiddaħlu fl-operat. Is-SE qal li kellu diskussjonijiet mal-Kuntrattur u

dan wiegħed li għall-aħħar tax-xahar, għandu jkun hemm numru ta' dvrs lesti joperaw. Is-SE intalab jara li dan iseħħ u jekk dan ma jsirx mill-kuntrattur, jibdew jinħarġulu default notices.

**7.5 Kultura –** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fis-sena 2024, ser tittella' għall-ewwel darba l-Malta Binennale, fejn ir-Reġjun intalab jassisti billi jorganizza ħarġiet għar-Reġjun biex jattendu din l-attivita` li ser isseħħ fuq medda ta' numru ta' ġimgħat matul Marzu sa' Mejju. Huwa ssuġġerixxa li r-Reġjun itella' numru t' attivitajiet artistiċi f'postijiet li għandu r-Regjun, li preżentament ma tantx jintużaw jew jafu bihom in-nies. Issuġġerixxa wkoll li jkun hemm Artist Residency għal artisti żgħar tar-Reġjun. Anne Marie Muscat Fenech Adami faħħret il-ħsieb u ssuġġeriet positjiet bħall-Mitħna tal-Arti ġewwa n-Naxxar li fetħet din is-sena. Is-Sinjura Muscat Fenech Adami proponiet li r-Reġjun jaħdem fuq din l-inizjattiva u jtella' numru t' attivitajiet. Stephen Gatt issekonda l-proposta. Il-Membri qablu unanimament u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv ifassal programm u proposta konkreta għal din.

**7.4 – Ambjent** - Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Bjorn Bonello jaġġorna lill-membri. Is-Sur Bonello tkellem dwar il-kampanja tat-tiswija tal-qtates li għaddejja preżentament. Huwa qal li hemm bżonn iktar kollaborazzjoni bejn il-gruppi li jieħdu ħsieb il-qtates, fejn dawn qed jibqgħu jaħdmu għal rashom. Talab lill-membri biex il-Kunsilli jiprovdu l-informazzjoni li għandhom fuq spazji miftuħa, ideat għal proġetti, spazji mħadra u nformazzjoni simili, sabiex ikun jista jaħdem u jiprepara proposti għall-futur. Tkellem ukoll fuq il-Victoria Lines fejn kienet bdiet komunikazzjoni mal-entitajiet kollha kkonċernati bil-ħsieb li jsir bord tal-immaniġġjar bħal m'hemm għax-Xagħra l-Ħamra.

**7.1.6 Bring in sites** – Anne Marie Muscat Fenech Adami tkellmet dwar il-probelam li qed tinħoloq mal-bring in sites fejn qed jintefa' skart fil-madwar ta' dawn il-faċilitajiet. Hija qalet li qed issib problema biex tnaddaf madwar dawn is-siti u li ħadd ma jrid jerfa' r-responsabilta` tagħhom. ERA li suppost qed tiprovdi moniteraġġ u nfurzar, mhux qed tkun effettiva f'dan ir-rigward. Hemm bżonn li dawn is-siti jkollhom iktar infurzar, kif ukoll CCTVs biex inaqsu u jrażnu l-abbuż. Is-SE intalab jikteb lill-ERA u jitlob iktar infurzar, tindif u manutenzjoni aħjar ta' dawn is-siti.

**7.1.7 Torri tal-Kaptan –** Is-SE spjega li wara li l-President Clifford Galea kien kellem lill-Ministru Owen Bonnici dwar it-Torri tal-Kaptan fin-Naxxar, li safa fl-aħbarijiet wara l-maltemp ta' Frar, huwa kien iltaqa' fuq il-post flimkien mas-CEO ta' Heritage Malta u s-Sovraintendenza, flimkien mal-awtorita` tal-artijiet. Il-post huwa kbir u joffri possibiltajiet tajbin biex jintuża bħala s-sede tar-Reġjun. Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li r-Reġjun kien interessat jikkonsidra l-proposta tal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar biex ikun fil-binja li eventwalment trid tinbena, iżda tajjeb li wieħed jara dan il-post storiku. Paul Vella propona li ssir żjara f'dan il-post mill-membri ħalli jkunu jistgħu jaraw il-post sew. Stephen Gatt issekonda din il-mozzjoni u l-membri qablu unanimament. Is-SE intalab jikkordina żjara għal dan is-sit.

Perjodu ta' ħrug ta Default Notice – Kuntratt tad-Dawl. Il-Kunsill tal-Imtarfa talab lir-Reġjun dwar il-qbil li kien sar bejn il-Kuntrattur u l-Kunsilli rigward il-perjodu li fieh hu mistenni jsewwi l-ħsarat. Fil-kuntratt, il-kuntrattur għandu 96 siegħa biex isewwi ħsarat, iżda wara l-mewt aċċidentali ta' Daniel, li kien il-persuna li jwettaq dawn ix-xogħolijiet, il-kuntrattur sabha difffiċli jonora din il-klawżola. Tkellem mal-Kunsilli u dawn qablu li jestendu dan il-perjodu, iżda ma kien hemm l-ebda talba uffiċjali lir-Reġjun. Saret diskussjoni fejn ħareġ li f'dawn l-aħħar xhur, ix-xogħol kien qed isir

b'mod differenti minn qabel. Ħareġ li fil-Kunsilli qed jiġru numru ta' ħsarat u l-kuntrattur jitla' jsewwi numru ta' ħsarat f'daqqa minflok jaħdem waħda waħda. Intqal li din is-sistema kienet qed tagħti riżultati tajbin. Fir-rigward tas-96 siegħa, il-membri proponew li din tiżdied għal 8 t'ijiem tax-xogħol, u b'hekk jinħoloq bilanċ bejn il-bżonnijiet tal-Kunsilli u l-provista tax-xogħol tal-kuntrattur. Il-membri qablu unanimament dwar dan.

Irranġar ta'l-uffiċċju – Anne Marie Muscat Fenech Adami ippreżentat il-pjanti maħduma mill-perit dwar kif jista jinbidel l-uffċċju. Is-Sinjura Muscat Fenech Adami proponiet li jsir ix-xogħol meħtieġ sabiex l-uffiċċju jkun irranġat u jinbidel biex jospita l-impjegati li issa żdiedu sostanzjalment. Il-membri kollha issekondaw u qablu mal-mozzjoni. Is-SE intalab jakwista l-kwotazzjonijiet meħtieġa biex isir ix-xogħol u jimplimenta dawn il-bidliet.

Bord tal-Għażla – DPO – Il-Membri Paul Vella, John Buttigieg u Aderemi Baderinwa ser iservu fuq il-Bord tal-Għażla tad-DPO.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 162 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 22 t' Awwissu 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Anne Marie Muscat Fenech Adami
Viċi President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 22 t' Awwissu, 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt